**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 15 ta' Gunju, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 1171/2011 AF**

**Mallard Company Limited (C-4758)**

**vs**

**Albert maghruf bhala Robbie Borg f'ismu propju u a nom u in rappresentanza ta' Palm Court Limited (C-2677)**

**Bargain Holidays Limited (C-8565)**

**British Jet Limited (C-25698) u kif ukoll ezercitanti l-kummerc taht l-isem ta' Malta Bargains**

**u b'digriet tal-14 ta' Dicembru 2016, il-Qorti ordnat li tissejjah fil-kawza Malta Bargains Limited**

**u fil-verbal tas-seduta tas-6 ta' April 2017 il-Qorti irrevokat is-sejha fil-kawza ta' Malta Bargains Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi Mallard Company Limited li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti hija l-operatrici tal-lukanda Qawra Palace Hotel.

Is-socjetà rikorrenti dahlet f'diversi ftehim kuntrattwali ta' hotel agent/tour operator agreements, mas-Sur Albert, maghruf bhala Robert Borg li ghandu n-numru tal-karta ta' identità 838147M li deher a nom u in rapprezentanza ta' diversi entitajiet korporati jew inkorporali li jiggestixxi fis-settur tat-turizmu.

Is-socjetà rikorrenti ottemprat ruhha mal-obbligi minnha assunti u pprestat is-servizzi minnha kkontrattati.

Sa Gunju 2010 kien akkumula ammont dovut lis-socjetà rikorrenti fl-ammont ta' tletin elf u wiehed u erbghin Ewro u disghin centezmu (€30,041.90).

Is-socjetà rikorrenti intavolat ittra ufficjali mahruga taht l-awspici ta' din l-Onorabbli Qorti, liema ittra hija datat 3 ta' gunju 2010, u ghandha n-numru ta' registrazzjoni 1682/2010 fejn talbet il-hlas tal-imsemmi ammont ta' tletin elf u wiehed u erbghin Ewro u disghin centezmu (€30,041.90) flimkien mal-ispejjez, imghaxijiet u drittijiet legali.

L-imsemmija ittra ufficjali giet debitament notifikata nhar is-16 ta' Lulju 2010.

Sussegwentement kien hemm sensiela ta' diskussjonijiet bejn is-Sur Borg u s-socjetà rikorrenti sabiex din il-vertenza tigi risolta u l-hlasijiet dovuti jsiru u effettivament intlahaq ftehim sabiex isiru hlasijiet fl-ammont ta' elf Ewro fix-xahar.

Tali ftehim gie kkonfermat da parti tas-Sur Borg permezz ta' email datata 19 ta' Lulju 2010 mibghuta f'isem Malta Bargains.

Effettivament il-hlasijiet maqbula baqghu jigu effetwati regolarment sal-31 ta' Awwissu 2011 u l-bilanc illum dovut jammonta ghal sittax-il elf u tmintax-il Ewro u hames centezmi (€16,018.05), salv imghaxijiet u spejjez. Dawn il-hlasijiet kienu qeghdin isiru mis-socjetà intimata Palm Court Limited.

Meta s-socjetà rikorrenti giet infurmata mill-Bank of Valletta li c-cekk datat 30 ta' Settembru 2011 ma kienx sejjer jigi onorat, is-socjetà rikorrenti ippruvat taghmel kuntatt mas-Sur Borg personalment, izda dan irrifjuta li jkellem lir-rapprezentant tas-socjetà rikorrenti.

Jason Azzopardi jokkupa l-kariga ta' Segretarju tal-kumpanija tas-socjetà rikorrenti u jaf b'dawn il-fatti personalment, anki wara li vverifika mal-informazzjoni fil-pussess tas-socjetà rikorrenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tikkundanna lill-intimati in solidum sabiex ihallsu lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' sittax-il elf u tmintax-il Ewro u hames centezmi (€16,018.05) in konnessjoni mas-servizzi citati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1682/2010, tal-prezenti, dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet legali dekoribbli mit-3 ta' Gunju 2010, kontra l-intimati, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut pro et noe li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Preliminarjament is-socjetà attrici ghandha ai termini tal-artikolu 156(4) tal-Kap. 12 sas-seduta li jmiss u dan kif jitlob l-istess artikolu, tindika min huma x-xhieda li hija semmiet fl-ewwel u fit-tielet paragrafu tal-lista tax-xhieda taghha.

Inoltre u bla pregudizzju r-rikorrenti fil-kwalità tieghu personali mhux l-legittimu kontradittur stante li fil-kwalità tieghu personali huwa qatt ma ghamel negozju mas-socjetà attrici u dan jidher li fil-kwalità tieghu personali huwa qatt ma ghamel negozju mas-socjetà attrici u dan jidher ukoll mill-kuntratti esebiti mis-socjetà attrici Dok E sa Dok. I u ghalhekk gie mharrek inutilment u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici.

Inoltre u bla pregudizzju s-socjetà Bargain Holidays qatt ma ghamlet negozju mas-socjetà attrici u ghalhekk giet imharrka inultilment u ghanda tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dan kif jidher mill-kuntratt esebiti mis-socjetà attrici Dok. E sa Dok. I.

Inoltre u bla pregudizzju ghal premess, huwa ma ghandux r-rapprezentanza tas-socjetà intimata l-ohra British Jet Limited u lanqas ma ghandu ebda konnessjoni maghha u ghalhekk huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju anke fil-konfront tal-istess socjetà stante li r-rikors guramentat kif intavolat huwa intavolat f'ismu bhala li ghandu r-rappresentanza tas-socjetà British Jet Limited.

Inoltre u bla pregudizzju ghal premess, s-socjetà Palm Court Limited hallsek oltre dak minnha dovut stante li b'qerq is-socjetà attrici dan l-ahhar bdiet tohrog li statements lil Palm Court Limited kollha meta l-flus ma kienux dovuti minn tali socjeta; gara li l-impjegata tal-kumpanija Ruby Cassar hasbet li l-kuntratti kollha saru minn Palm Court Limited u ghalhekk bdiet thallas mill-kontijiet ta' Palm Court Limited. U kien ghalhekk li s-socjetà Palm Court Limited ghamlet stop payment peress li kienet indunat b'dan il-qerq minn naha tas-socjetà attrici.

Inoltre meta huwa ffirma ghan-nom tal-Malta Bargains huwa kif qed jiffirma ghan-nom ta' Malta Bargains Limited socjetà li fiha ghandu r-rappresentanza r-rikorrenti Albert Borg u li hija registrata fl-Ingilterra u li ghalhekk huwa gie mharrek inutilment bhala l-persuna li tezercita l-kummerc taht Malta Bargains.

L-intimati qatt ma ntrabtu in solidum biexi hallsu dawn il-pagament kif qed tallega s-socjetà attrici.

Ghaldaqstant it-talbiet tas-socjetà attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess li minn issa hija ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri tal-konvenut pro et noe li permezz tagħha eċċepixxa illi:

It-talbiet tas-socjetà attrici huma preskritti a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa preskrizzjoni ta' sentejn.

Salvi risposti ulterjuri.

Li huma ma ghandhom ibatu spejjez.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenut pro et noe.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenut pro et noe.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut pro et noe iħallas il-bilanċ dovut ta' €16,018.05. L-attriċi tikkontendi li dan l-ammont huwa dovut fuq diversi kuntratti ta' servizz iffirmati mill-konvenut pro et noe.

Mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetà attriċi tiġġestixxi l-lukanda Qawra Palace Hotel. Tony Alamango għan-nom tal-imsemmija lukanda ffirma numru ta' skritturi mal-konvenut, li deher fuq dawn l-iskritturi għan-nom ta' 'Malta Bargains', 'Palm Court Limited' jew 'British Jet', fejn il-lukanda obbligat ruħha li tikkonċedi rati speċjali lill-konvenut pro et noe, li bħala '*agent/tour operator*' kien ibiegħ il-kmamar fil-lukanda. L-

attriċi tikkontendi li l-konvenut pro et noe waqaf iħallas għall-kmamar skont l-imsemmija skritturi. Minkejja li s-soċjetà konvenuta Palm Court Limited bdiet tħallas il-bilanċ dovut permezz ta' diversi post-dated *cheques*, għad baqa' bilanċ pendenti in kwantu li diversi minn dawn iċ-*cheques* ma ssarfux mill-bank.

Il-konvenut noe laqa' għat-talbiet attriċi permezz ta' diversi eċċezzjonijiet preliminari kif ukoll fil-mertu. Din is-sentenza hija limitata għal dawk l-eċċezzjonijiet li huma ta' natura preliminari.

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut pro et noe jeċċepixxi li s-soċjetà attriċi għandha tindika min huma x-xhieda li beħsiebha tressaq, a tenur tal-artikolu 156(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jirriżulta li din l-eċċezzjoni ġiet sorvolata in kwantu li s-soċjetà attriċi ressqet nota fl-atti tal-kawża fejn indikat ix-xhieda li beħsiebha tressaq. Għaldaqstant, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni.

Permezz tat-tieni eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut pro et noe jeċċepixxi li fil-kwalità tiegħu personali huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur tat-talbiet attriċi stante li personalment huwa qatt ma għamel negozju mas-soċjetà attriċi. Din l-eċċezzjoni għandha tiġi trattata flimkien mas-sitt eċċezzjoni li permezz tagħha l-konvenut pro et noe jeċċepixxi li meta ffirma għan-nom ta' 'Malta Bargains' huwa kien qiegħed jiffirma għan-nom tas-soċjetà Malta Bargains Limited, soċjetà reġistrata ġewwa l-Ingilterra u li għalhekk huwa ġie mħarrek inutilment bħala l-persuna li teżerċita l-kummerċ taħt 'Malta Bargains.'

Il-Qorti tirrileva li s-sottomissjonijiet tal-kovenut fir-rigward ta' dawn l-eccezzjonijiet, ma jirrispekkjawx dak li tassew gie eccepit. Il-Qorti tenfasizza li hija l-eccezzjoni kif imressqa li tghodd.

In linea ta' prinċipju ġenerali, kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et, deċiża fil-5 ta' Ottubru 2001:

*"Biex jiġi stabbilit jekk parti in kawża kinetx jew le leġittimu kontradittriċi tal-parti l-oħra, il-Qorti trid bil-fors tivverifika prima facie jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju, kinetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha titwieled l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, in kwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinsab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi – kif iddeċidiet korretament f'dan il-każ – illi l-konvenut kien ġie sewwa ċitat in kwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddieħor jew lejn ħaddieħor ukoll in kwantu dan ikun involut fl-istess negozzju u allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża*."

Hekk ukoll, din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et, deċiża fit-3 ta' Ottubru 2008 rriteniet illi:

*"Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport*."

Fil-każ fl-ismijiet Camel Brand Co Ltd vs Michael Debono, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta' Marzu 2002 intqal:

*"Meta negozju jkun gestit minn socjeta` b'responsabilita` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.*

*Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.*

*Normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni."*

Fis-sentenza fl-ismijiet, Anthony Caruana et vs John Magro et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999, ġiet citata ġurisprudenza fis-sens li:

*"hija haġa minn lewn id-dinja li bniedem normalment jikkontratta għalih innifsu sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddiehor jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf li jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor…… Din il-Qorti jidhrilha li l-konvenut ma rnexxilux jipprova sodisfaċentement li hu mhux obbligat personalment li jħallas il-kreditu tas-soċjeta attriċi. Fi kliem ieħor ma jirriżultax sodisfaċentement li meta l-konvenut innegozja mas-socjeta attriċi a tempo vergine hu gab a konjizzjoni tagħha li hu kien qiegħed jixtri għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' u li din is-soċjeta biss kienet obbligata għall-ħlas" (**Frank Cilia nomine vs Charles Scicluna** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-27 ta' April 1992; **Charles O'Flaherty nomine vs Joseph Micallef** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-24 ta'fl-24 ta' Gunju, 1987 u **Charles Mizzi vs Teddy sive Edward Borg** deċiża mill-istess Qorti fl-10 ta' Mejju 1990)*."

Fil-kawża Legend Real Estate Ltd vs Ron Chetcuti, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ottubru, 2003, intqal ukoll li:

> "*Hu dak il mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-soċjeta' attrici kellu jirrileva b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun ġie sewwa a konnoxxenza tas-soċjeta' attriċi f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabbilita' għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi li kien jimporta (**John Vella noe vs Anthony Vella et**, Qorti ta' l-Appell, 3 ta' Dicembru, 1999)*". Aktar tard fl-istess sentenza l-Qorti żiedet li "*Jispetta lill-ġudikant li jiżen iċ-ċirkostanzi ta' kull każ biex jasal għall-konvinċiment jekk kellux jew le jkun apparent lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rappreżentanza ta' ħaddieħor. Ċerti każijiet huma ovvji, oħrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero' wiehed kellu jippreżumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed tagħmel f'isimha proprju (**Lawrence Formosa et noe v. Silvio Felice**, Qorti ta' l-Appell, 6 ta' Ottubru, 1999)*."

Finalment, kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet George Demanuele noe vs Mauro Gagliano et, deċiża fid-19 ta' Mejju 1995:-

> "*Min qed jallega li kuntratt għamlu mhux f'ismu iżda fi kwalita' rappreżentattiva għandu l-oneru li juri li lill-parti l-oħra kien għarrafha li ma kienx qed jidher f'ismu: biex persuna li tkun qiegħda tikkontratta ma torbotx lilha nnifisha jkun meħtieġ li jigi provat li waqt il-kontrattazzjoni dik il-persuna indikat ċar u tond li qiegħda tidher għal ħaddiehor, jew, jekk ma indikatx dan espressament, għall-inqas ikun jirriżulta biżżejjed li l-parti l-oħra tkun raġonevolment taf illi dik il-persuna tkun qiegħda tikkontratta f'isem ħaddieħor*."

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, din il-Qorti ssib illi l-konvenut Albert Borg f'ismu proprju m'għandux raġun f'din

l-eċċezzjoni tiegħu in kwantu li la mill-iskritturi eżebiti u lanqas mill-korrispondenza bejn il-partijiet ma jirriżulta li huwa qatt indika li 'Malta Bargains' kienet fil-fatt soċjeta kummerċjali. Kien jispetta lill-konvenut li jiċċara dan speċjalment in vista tal-fatt li jirriżulta li din is-soċjetà hija reġistrata barra minn Malta u allura l-attriċi lanqas setgħet titlob u tingħata informazzjoni dwarha mingħand l-awtoritajiet lokali. B'żieda ma dan kollu, il-Qorti tinnota li s-socjetà baqghet ma gietx imsejjha fil-kawza. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Il-konvenut pro et noe jeċċepixxi wkoll illi s-soċjetà konvenuta Bargain Holidays qatt ma għamlet negozju mas-soċjetà attriċi u li għalhekk ġiet imħarrka inutilment. Mill-provi prodotti din il-Qorti hija sodisfatta li din l-eċċezzjoni hija tajba u għandha tiġi akkolta in kwantu li l-ebda kuntratt jew dokument ma jagħmel riferenza għal din is-soċjetà u wisq inqas ma jirriżulta li l-attriċi kellha xi relazzjoni kuntrattwali magħha.

Il-konvenut Albert Borg jeċċepixxi wkoll illi huwa m'għadx għandu r-rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta British Jet Limited. Fil-fehma tal-Qorti din l-eċċezzjoni wkoll hija tajba. Mill-provi esebiti jirriżulta li Albert Borg fil-fatt m'għadx għandu r-rappreżentanza ta' din is-soċjetà tant illi ġie notifikat bl-atti tal-kawża d-direttur tagħha li ma ressaq l-ebda risposta għat-talbiet attriċi.

Finalment, permezz tar-risposta ulterjuri tiegħu, il-konvenut pro et noe jeċċepixxi li t-talbiet attriċi huma preskritti bid-dekors ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili li jaqra hekk:

> *"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."*

B'mod ġenerali, ingħad fis-sentenza fl-ismijiet Frank German vs Domenico Azzopardi, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-18 ta' Jannar 1950 li *'(L)-indoli ta' l-azzjoni tiġi desunta mhux tant mill-kliem piu o meno eżatti tal-att istituttiv tal-ġudizzju, imma mill-iskop li għalih huwa intiż il-ġudizzju.'* Minn dan isegwi li għall-finijiet tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut pro et noe, huwa neċessarju li ssir indaġini dwar il-

veru natura tal-azzjoni li qiegħda tiġi eżerċitata mis-soċjetà attriċi.

Hekk ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Peter Montebello vs Peter Montebello tal-25 ta' Settembru 2003, il-Qorti qalet proprju li:

> "*Din hija għażla li l-liġi tagħti lil kull parti attriċi, u hija fuq din l-għażla li jiddependi l-eżitu tal-azzjoni. Dan ifisser li jekk parti tagħżel li tressaq il-pretensjonijiet tagħha kontra parti oħra fuq kawżali partikolari, l-eċċezzjoni li titqanqal mill-parti mħarka kontra l-azzjoni magħmula kontriha trid titkejjel fuq dik il-kawżai u mhux fuq x'taħseb il-parti mħarrka li setgħet kienet il-kawżali vera.*"

Hija l-azzjoni kif arġinata fil-parametri tal-premessi u talbiet tagħha li għandha tiddetermina liema huwa l-perjodu preskrittiv applikabbli. Wieħed irid iqis allura jekk l-artikolu tal-liġi msemmi mill-konvenut pro et noe sabiex isejjes l-eċċezzjoni tiegħu japplikax għall-azzjoni odjerna kif ibbażata.

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb noe tal-20 ta' Frar 2009 spjegat illi:

> "*Dan ir-ragunament gie espress ukoll fil-precitata sentenza* ***Spiteri pro et noe v. Castle*** *fejn inghad illi "Il colpa aquiliana tikkorri meta d-dannu jigi kagonat f'rapport extra-kontrattwali, cioè tillimita ruhha ghal fatt tal-bniedem bhala ksur tad-dover ta' protezzjoni jew ta' dover in generali tan-"neminem laedere" kombinat man-negligenza taht l-art. 1075, 1076 tal-Kodici mentri l-colpa jew responsabilità kontrattwali tirrisali ghal kuntratt u hija fondata fuq il-vjolazzjoni tad-dover tal-prestazzjoni li l-obbligat ghandu favur il-parti l-ohra. Ghalkemm fil-Kodici taghna l-grad tal-colpa tant f'kas kemm f'iehor kien minn dejjem l-istess … cioè dak il-grad ta' colpa li jonqos mill-"istandard" ta' diligenza tal-"bonus pater familias" a differenza mil-ligi taljana li biss bil-Kodici tal-1942, abbandunat il-koncett tad-dritt Ruman li "in lege aquila et levissima culpa venit", il-kawza taz-zewg kwalitajiet ta'*

*colpa kienet minn dejjem hekk distinta fil-gurisprudenza numerusa u kostanti patrija ghal dak li jirrigwarda l-konsegwenza tad-distinzjoni fuq il-perjodu tal-preskrizzjoni … Illi a propositu ta' dana l-Onorabbli Qorti tal-Appell fi zmien iktar recenti (Busuttil vs. Schembri, 19 ta' Frar, 1954 Kol. Vol. 38, i, sez. 2, pag. 292) waqt li ikkonfermat id-distinzjoni fuq imsemmija ghallmet wkoll li huwa veru li mhux kull vjolazzjoni ta' dritt ta' haddiehor fl-adempiment ta' kuntratt tikkostitwixxi kolpa kontrattwali, izda ziedet li biex il-kolpa ma tkunx kontrattwali jehtieg li ma jkollhiex rapport mal-kuntratt pre-ezistenti, u ghalhekk jiddependi mic-cirkostanzi tal-gudizzju jekk il-colpa li wiehed mill-kontraenti jaddebita lill-iehor hijiex kontrattwali jew aquiliana; u l-konkluzjoni taghha (il-kaz kien ta' bini hazin ta' hajt minn appaltatur) kienet illi l-**colpa fil-prezenza ta' kuntratt, tista' tkun aquiliana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali.** Illi anke d-duttrina kontinentali recenti hija fis-sens li fl-individwazzjoni tan-natura tal-colpa hafna jrid jithalla ghall-'interpretazzjoni gudizzjarja' jew, iktar bi precizjoni, ghad-diskrezzjoni tal-gudikant fl-apprezzament tal-fattispeci dedotti…".*"

Il-preskrizzjoni skont l-artikolu 2153 tal-Kodiċi titlaq mill-premessa li l-attur ikun qiegħed jallega ħtija akwiljana fil-konfront tal-konvenut. Madanakollu, fil-każ tal-lum huwa evidenti mill-premessi u talbiet attriċi li l-azzjoni odjerna m'hijiex ibbażata fuq fatti u ċirkostanzi previsti mill-artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili u allura l-preskrizzjoni applikabbli f'dan il-każ m'hijiex dik eċċepita mill-konvenut pro et noe.

Ladarba l-preskrizzjoni indikata mill-parti mħarrka ma tkunx tapplika, u b'ħarsien tan-norma li l-Qorti ma tistax tqanqal minn rajha l-preskrizzjoni jekk din ma tiġix eċċepita mill-parti interessata, ma tistax tikkunsidra u/jew tapplika terminu preskrittiv ieħor mhux imsemmi mill-eċċepjenti, bla ma tkun qiegħda tindaħal bla ma jixraq f'qasam odjuż li fih ma tistax tieħu inizjattiva (John Grech vs Ivan Mifsud, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-1 ta' April 2003).

Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni in kwantu li ġiet sorvolati fil-mori tal-kawża;

2. Tiċħad it-tieni u sitt eċċezzjonijiet tal-konvenut pro et noe;

3. Tilqa' t-tielet eċċezzjoni u għaldaqstant tillibera lis-soċjetà Bargain Holidays Limited mill-osservanza tal-ġudizzju;

4. Tilqa' r-raba' eċċezzjoni u tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lill-konvenut Albert Borg limitatament bħala rappreżentant tas-soċjetà konvenuta British Jet Limited;

5. Tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kif kontenuta fir-risposta ġuramentata ulterjuri tal-konvenut pro et noe.

Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawża fil-mertu.

L-ispejjeż jibqghu riżervati għall-ġudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG